MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru 934/2008

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
SPETTUR TREVOR MICALLEF
VS
MARTIN AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Agius ta’ 47 sena, iben Lawrence u Imelda nee’ Sullivan, imwieled 22 ta’ Dicembru 1960, Vittoriosa, residenti Blokk 7, Flat 7, Triq De Opertis, Birgu u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 18861(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta’ Settembru 2008, ghal habta tas-siegha ta’ wara nofs in-nhar (13:00hrs) gewwa San Giljan:

1) B’eghmil zieni kkorrompa lil *Ommissis A* minorenni ta’ *ommissis*-il sena;

2) Minghajr setgha skond il-Ligi ta' Awtorita' Kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess *Ommissis A* minorenni u dan sabiex igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
3) Ikkometta attentati vjolenti ghal pudur fuq il-persuna tal-imsemmija *Ommissis A*, minorenni;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta' Settembru 2008 u l-gimghat ta' qabel, gewwa San Giljan b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

4). Eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' *Ommissis A*, minorenni;
5). Bhala impjegat ta' fastidju sesswali lill-impjegata ohra u cioe *Ommissis A* billi ssoggettaha ghal att ta' intimita' fizika u/jew talab favuri sesswali mill-imsemmija *Ommissis A* u/jew issoggettaha ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluz kliem bil-fomm u gesti.

Ghaldaqstant, nitolbu li dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal rigward it-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuza;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni fuq indikata wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda, il-minuri *Ommissis A* ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, jirrizulta illi waqt li kienet qeghdha tahdem bhala *waitress* fil-hotel '*ommissis*', ic-chef Martin Agius, segwiha go kamra fejn jitpogga c-*cereal* sabiex terga' tirrimpiazzah, pero' ma gara xejn u hi rnexxielha tohrog bla incidenti. Ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (1:30p.m.) waqt l-ikla ta' nofsinhar, marret sal-*guests' toilet* wara li gharfet b'dana kollu lil kollega taghha *Ommissis B*.

Waqt li kienet fil-kamra tal-banju, dahlet ukoll kollega taghha *Ommissis C* li spiccat qabilha u talbitha riditx li tistenniha. Meta harget *Ommissis C*, *Ommissis A* ukoll lestiet u wara ftit, u kif kienet ser tohrog, sabet lill-imputat fil-bieb. Dan talabha tidhol fit-*toilet* ta' l-irgiel. Hi rriffjutat u bdiet timxi sabiex tiftah il-bieb. F'dan il-hin:

*"Gie jigri minn warajja, qabadni, tefghani u baqa diehel fit-toilets ta' l-irgiel bija."* u sakkar il-bieb, u beda jbaghbas. *"Kien qisu iljun ma stajt naghmel xejn."*

*Ommissis A* xhedet (fol. 29) illi l-imputat dahhal idejh minn taht id-dublett taghha, u pprova jdahhal subajh taht il-*panty* biex jnehhilha l-*underwear* izda l-minuri rrnexxielha zzommu u zgiccat minn taht idejh.

Meta rritornat f'postha ghax-xoghol il-kollegi taghha bdew jistaqsu x'kien gralha u hija fethet qalbha ma' *Ommissis B*. Meta rritorna l-imputat f'postu, baqa jsegwiha u jistaqsiha jekk kinitx "*all right*". Il-minuri xhedet illi l-imputat, ftit qabel l-incident kien jcemplilha u jistaqsija affarijiet personali u sahansitra talabha tatih il-qalziet ta' taht mahmug taghha u li kien ppreparat jhallasha ghoxrin Euro (20 Euro) tieghu. Il-minuri xhedet ukoll fuq id-diskors b'konnotazzjonijiet sesswali li kien jindirizzaha bih.

In segwitu ta' dan l-incident, il-minuri xehedet li bhala konsegwenza, hi bdiet tibza' mill-irgiel u tinhasad anke jekk iharsu lejha.

*Ommissis C* ikkonfermat li meta kienet sejra lejn il-*bathroom*, rat lill-imputat hdejn it-*toilet* u dan ghamel bir-ruhu li kien ser jirritorna lejn ir-*restaurant*.

*Ommissis B* ikkonfermat illi f'data in kwistjoni wara li *Ommissis A* rritornat mit-*toilet* deheret bajda karti u bi dmugh f'ghajnejjha u thares lura. Ftit wara, *Ommissis A* rrakkontat lil *Ommissis B*, kif kien hatafha Martin Agius.

Il-genituri tal-minuri, *Ommissis F* u *Ommissis M* kkonfermaw il-kwerela u li riedu jipprocedu bil-kaz in ezami.

Illi fix-xhieda ta' *Ommissis A*, meta saret maggiorenni, datata 24 ta' April 2009, ghazlet li tahfer lill-imputat, kif ghamlu wkoll il-genituri taghha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni gew irtirati mill-vittma llum maggiorenni u l-genituri taghha. Dan sar fil-konfront ta' l-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza, u din il- Qorti tiddikjara l- procediment ezawrit fir- rigward ta' l- istess akkuzi.

L-imputat ghamel ammissjoni piena ghat-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi.

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Martin Agius, hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-hames (5) akkuza u wara li rat Artikoli 18, 86, 87, 209, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal erba' (4) snin.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu, il-mahfra u r-rinunzja da parti tal-parte civile abbinat mas-serjeta' tal-kaz fejn ic-*chef* – cioe l-ghola awtorita' go kcina – jaghmel ghal *waitress* minuri bil-manjiera fuq spjegata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------